MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Numru. 1150/2007

Il- Pulzija
(Supretendent Carelo Bartolo)

-vs-

Loretu Ellul

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Loretu Ellul ta’ 51 sena, iben Rosario u Carmela nee` Camilleri, imwieled Haz Zebbug, nhar il- 21 ta’ Marzu, 1956 u li joqghod 31, ‘Frida’, Triq is-Sebh, Marsa, detentur tal- karta ta’ l- identita bin- numru 230656M.

Talli f’ dawn il- Gzejjer, nhar il- 15 ta’ Ottubru, 2002 u matul ix- xhur ta’ qabel din id- data, b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal- ligi, u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1. nhar il- 15 ta’ Ottubru, 2002, ghal- habta tal- 11.30 ta’ filghodu, fil- Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ sett ta’ erbgha hubcups minn vettura bin- numru tar- registrazzjoni HAK-096, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ Simon Gatt Baldacchino mill- Gzira, u/jew Joseph Mallia mis- Siggiewi, u/jew Emanuel Magri minn Haz Zebbug;

2. u aktar talli nhar il- 15 ta’ Ottubru, 2002, ghal- habta tal- 10.00 ta’ filghodu, fil- Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ zewg settijiet ta’ erbgha hubcups minn zewg vetturi differenti, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ persuni mhux mgharufa.

3. u aktar talli nhar it- 8 ta’ Ottubru, 2002, f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn it- 07:45 ta’ filghodu u l- 05:00 ta’ filghaxija waqt li kien ix- xatt ta’ Pinto, fil- Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ sett ta’ erbgha hubcups minn vettura bin- numru tar- registrazzjoni BAF-623, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ Alan Markham minn San Pawl il- Bahar.

4. u aktar talli nhar is- 7 ta’ Ottubru, 2002, f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn it- 08.00 ta’ filghodu u s- 2:15 ta’ wara nofsinhar, waqt li kien il- Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ sett ta’ erbgha hubcups minn vettura li kienet ipparkjata, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ Nicola Bonanno;

5. u aktar talli nhar l- 1 ta’ Ottubru, 2002, f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn is- 07.30 ta’ filghodu u l- 12:20 ta’ wara nofsinhar, waqt li kien il- Furjana, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ sett ta’ erbgha hubcups minn vettura li kienet ipparkjata, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ Bernard Bonnici miz- Zejtun;

6. u aktar talli f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn id-09.00 ta’ filghaxija nhar tad- 19 ta’ Settembru, 2002, u s-7:00 ta’ filghodu tal- 20 ta’ Settembru, 2002, waqt li kien il-Hamrun, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ sett ta’ erbgha hubcups minn vettura bin- numru tar-registrazzjoni CAB-364, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad-detriment ta’ Stephen Muscat mill- Hamrun;

7. kif ukoll talli, nhar l- 20 ta’ Awissu, 2002, f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn is- 7.30 ta’ filghodu u l- 5.30 ta’ filghaxija, waq li kien il- Hamrun, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ sett ta’ erbgha hubcups minn vettura bin-numru tar- registrazzjoni RSN-238, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ Rosanne Attard miss-Siggiewi;

8. kif ukoll talli, nhar it- 2 ta’ Lulju 2002, f’ xi hin matul il perjodu ta’ bejn it- 7.45 ta’ filghodu u it- 2.45 ta’ wara nofsinhar, waqt li kien il- Hamrun, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ sett ta’ erbgha hubcups minn vettura bin-numru tar- registrazzjoni IBE-245, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ Raphael Mizzi minn Hal Lija.

9. u aktar talli, nhar is- 17 ta’ Gunju, 2002, f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn il- 11:15 ta’ filghodu u is- 1.00 ta’ wara nofsinhar, waqt li kien il- Blata il- Bajda, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ zewg hubcups minn fuq vettura pparkjata, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ Joseph Aquilina mill- Gharghur;

10. kif ukoll talli, nbhar il- 21 ta’ Mejju, 2002, f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn l- 10.00 ta’ filghodu u nofsinhar, waqt li kien il- Furjana, ikkommetta serq ta’ oggetti u cie’ sett ta’ erbgha hubcups minn fuq vettura bin- numru tar-registrazzjoni BBN-196, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad-detriment ta’ Joseph Muscat minn San Gwann;

11. u aktar talli, nhar l- 14 ta’ Mejju, 2002, f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn id- 09.00 ta’ filghodu u is- 1.00 ta’ wara nofsinhar, waqt li kien il- Marsa, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ sett ta’ erbgha hubcups minn vettura bin- numru tar- registrazzjoni HBG-734, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ Mario Cachia minn Marsascala;

12. u aktar talli, nhar it- 23 ta’ April, 2002, f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn it- 08.30 ta’ filghodu u l- 05.30 ta’ filghaxija, waqt li kien il- Marsa kkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ sett ta’ erbgha hubcups minn vettura bin- numru tar- registrazzjoni JSF-778, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ Josephine Tanti mir- Rabat;

13. u aktar talli nhar it- 3 ta’ Jannar, 2001, f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn il- 5.00 ta’ filghaxija u t- 8.00 ta’ filghaxija waqt li kien il- Furjana, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe` sett ta’ erbgha hubcups minn vettura bin- numru tar- registrazzjoni AFX-296, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa, sar ghad- detriment ta’ Rita Troisi mill- Mellieha;

14. u aktar talli, f’ bosta okkazjonijiet ohra, f’ diversi postijiet f’ dawn il- Gzejjer matul il- perjodu ta’ bejn il- 15 ta’ Ottubru, 2002 u ix- xhur ta’ qabel din id- data, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u cie’ settijiet ta’ hubcups u diversi oggetti ohra minn vetturi, liema serq li huwa kkwalifikat fil- mezz, kif ukoll bin- natura tal- haga misruqa sar ghad- detriment ta’ diversi persuni b’ identit li sa’ issa ghada mhix maghrufa;

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 18, 261(b)(g), 263, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat ix-xhieda dwar il-piena.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f’l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti fis-26 ta’ Novembru 2007 bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u cioe dawk ta’ serq aggravat; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta’l-oggetti misruqa, l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, kif ukoll il-fatt li r-reati sehhu fis-sena 2002.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll ix-xhieda ta’ mart l-imputat li minnha jirrizulta li jekk l-imputat ma jiehux l-medicina li ghandu bzonn biex jikkura ruhu gieli ma jkunx jaf x’inhu jaghmel.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(g), 263, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ *probation* ghal sena (1) taht il-kundizzjonijiet li huma elenkati f’l-istess ordni.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sena jekk ma jsegwiex l-ordnijiet imposti fuqu.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza ta’l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------